Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1349/2007

Paul u Carmen konjuġi **ABELA**

vs

Anthony **BUSUTTIL**, Anthony Bonello, Martin Abela, Joseph Vassallo, u b'degriet tal-24 ta' Mejju, 2012, l-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratriċi Legali Doreen Aquilina nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt ta' Maria armla minn Paul Busuttil, ta' Carmela armla minn Paul Ebejer u ta' Nicola Abela

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Diċembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li s-sehem li huma għandhom mill-ambjent


Qrati tal-Gustizzja

magħmul minn kamra fil-pjan terran u l-arja tagħha li jagħmlu parti mill-post (kerrejja) f'numru sebgħa u sittin (67), Triq il-Kbira, Ħad-Dingli, liema kamra hi mingħajr numru u isem iżda li tiġi t-tieni kamra fuq ix-xellug li wieħed jidħol għaliha minn entrata u li l-bieb tal-kamra jiġi taħt it-taraġ komuni tal-imsemmija kerrejja li jagħti għall-ambjenti tal-ewwel sular, fosthom l-arja ta' fuq l-imsemmija kamra huwa ta' tmienja u għoxrin punt tlieta sebgħa fil-mija (28.37%) filwaqt li sehem l-imħarrkin huwa ta' wieħed u sebgħin punt sitta tlieta fil-mija (71.63%) l-ieħor; (b) li l-imsemmija ambjenti ma jistgħux jinqasmu bejn kull min għandu sehem minnhom bla xkiel; u (ċ) tordna l-bejgħ b'irkant taħt l-awtorita' tagħha tal-imsemmija ambjenti. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin bl-atti tal-kawża u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-18 ta' Jannar, 2008[1], bl-ismijiet tax-xhud li kien fi ħsiebhom isejħu, u li mehmuża magħha kien hemm ukoll ix-xhieda bl-affidavit tal-atturi u stima ta' perit imqabbad mill-atturi *ex parte* dwar l-ambjenti tal-post mertu ta' din il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-25 ta' Jannar, 2008[2], b'kopja ta' kuntratt pubbliku tat-23 ta' Jannar, 2008 mehmuż magħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin Anthony Bonello u Martin Abela fit-28 ta' Jannar, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ għaliex hemm sidien oħrajn tal-ambjenti mertu tal-każ li ma ddaħħlux fil-kawża. Żiedu jgħidu li ma kinux jaqblu mal-kwoti msemmija mill-atturi, li, f'kull każ, imisshom iġibu l-aħjar prova biex juru x'inhu tassew is-sehem li għandhom mill-ġid mertu tal-każ u jressqu arblu tar-razza biex ifissru kif waslu għas-sehem minnhom imsemmi, minbarra r-riċerki li għamlu biex waslu għall-istess;

[1] Paġġ. 21 – 4 tal-proċess
[2] Paġġ. 25 – 7 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-5 ta’ Frar, 2008[3], li magħha kien hemm mehmuża kopja maħlufa mill-perit imqabbad minnhom *ex parte* tal-istima li kien għamel dwar l-ambjenti tal-post mertu tal-każ[4] u kif ukoll kopja ta’ kuntratt pubbliku tat-28 ta’ Jannar, 2008;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta’ Jannar, 2009, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-20 ta’ Ottubru, 2009[5], bi prospett tal-kwoti tal-partijiet interessati fil-ġid mertu tal-każ;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-24 ta’ Novembru, 2009[6], b’arblu tar-razza mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Ottubru, 2010[7], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin Anthony Bonello u Martin Abela b’rikors tagħhom tad-9 ta’ Ġunju, 2010, ħassret *contrario imperio* d-degriet mogħti fil-21 ta’ Ġunju, 2010, minn din il-Qorti diversament presjeduta li biha ħatret kuraturi deputati ladarba l-wirt ma kenux battala;

Rat in-Nota tal-atturi mressqa fl-14 ta’ Diċembru, 2010[8], b’aġġornamenti tal-ismijiet ta’ persuni li imisshom jidħlu fl-arblu tar-razza mressaq mill-istess atturi fin-Nota ta’ qabel;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi waqt is-smigħ tas-7 ta’ Lulju, 2011[9], li biha ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tal-imħarrkin Anthony Bonello u Martin Abela, filwaqt li ħallew sħaħ il-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn u l-wirtijiet relattivi;

[3] Paġġ. 31 – 6 tal-proċess
[4] Li hija l-istess stima li kienet tressqet fin-Nota ta’ qabel iżda li ma kenitx maħlufa
[5] Paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[6] Paġġ. 47 – 9 tal-proċess
[7] Paġ. 57A tal-proċess
[8] Paġġ. 73 – 6 tal-proċess
[9] Paġ. 93 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011[10], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-4 ta' Ottubru, 2011, ordnat li ssir it-trasfużjoni tal-ġudizzju dwar il-persuni li mietu;

Rat id-degriet mogħti fl-24 ta' Mejju, 2012[11], li bih din il-Qorti (diversament presjeduta) ħatret kuraturi deputati biex jidhru għall-wirtijiet ta' Marija Busuttil, Carmela Ebejer u Nicola Abela;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fil-25 ta' Ġunju, 2012, li biha qalu li ma kinux edotti mill-fatti li wasslu għall-kawża u żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom li jippreżentaw eċċezzjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ wara li jieħdu l-fehma tal-kostitwenti tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2012[12], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Valerio Schembri bħala perit tekniku biex jirrelata dwar jekk l-ambjenti tal-każ jistgħux jinqasmu mingħajr xkiel, u biex jistma l-istess ġid;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit tekniku Valerio Schembri fil-31 ta' Jannar, 2013[13], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-19 ta' Frar, 2013;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tad-19 ta' Frar, 2013, li biha wrew li kienu joqogħdu għall-konklużjonijiet milħuqa mill-imsemmi perit tekniku fir-Rapport tiegħu, iżda talbu żmien biex iressqu sottomissjonijiet u jaġġornaw it-tagħrif dwar il-kwoti rilevanti fil-ġid mertu tal-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-1 ta' Marzu, 2013[14];

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Frar, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

---

[10] Paġ. 97 tal-proċess
[11] Paġ. 105 tal-proċess
[12] Paġ. 120 tal-proċess
[13] Paġġ. 125 – 8 tal-proċess
[14] Paġġ. 131 – 2 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-bejgħ ta' ġid komuni b'liċitazzjoni. L-atturi huma s-sidien ta' sehem mhux maqsum minn kamra li tagħmel parti minn post akbar (kerrejja) f'Ħad-Dingli u l-arja tagħha ma jridux jibqgħu jżommuha ma' oħrajn. Jgħidu wkoll li l-kamra u l-ambjenti li jagħmlu minnha ma jistgħux jinqasmu b'mod li kull min għandu sehem minnha jingħata biċċa xierqa;

Illi għalkemm tnejn mill-erba' mħarrkin ressqu l-kontestazzjoni tagħhom, iż-żewġ imħarrkin l-oħrajn – l-imħarrkin Anthony Busuttil u Joseph Vassallo – baqgħu ma weġbux. Iż-żewġ imħarrkin li ikkontestaw it-talbiet tal-atturi – l-imħarrkin Anthony Bonello u Martin Abela – illimitaw il-kontestazzjoni tagħhom għall-fatt li mhux kull min għandu sehem mill-kamra u l-ambjenti tagħha kien iddaħħal fil-kawża, u wkoll dwar kemm huwa tassew is-sehem li l-atturi għandhom mill-ambjenti mertu tal-każ;

Illi dawn iż-żewġ kontestazzjonijiet ħadu l-biċċa l-kbira miż-żmien li din il-kawża ilha miexja, għaliex kien jaqa' fuq l-atturi li jistabilixxu tassew kemm huwa s-sehem li għandhom mill-post u dan fid-dawl tal-fatt li l-ewwel talba tagħhom titlob dikjarazzjoni dwar sehem partikolari li huma jgħidu li għandhom f'dawk l-ambjenti;

Illi ġara wkoll li, wara li l-atturi fetħu din il-kawża, daħlu fuq atti nutarili biex kisbu ishma oħra mill-istess ambjenti. Dawn l-ishma kienu ta' persuni li, sa dak iż-żmien ma kinux għadhom iddaħħlu fil-kawża – u b'hekk taw siwi lill-ewwel eċċezzjoni tal-imsemmija imħarrkin Bonello u Abela. Iżda, aktar 'il quddiem, l-atturi kisbu l-ishma wkoll tal-imsemmija żewġ imħarrkin Bonello u Abela nfushom, u kien għalhekk li ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tagħhom ukoll;

Illi, meta l-atturi ma kinux aktar f'qagħda li jsibu min huma l-werrieta l-oħrajn, imbagħad kienet mistħoqqa t-talba

tagħhom biex jinħatru l-kuraturi deputati biex jidhru għal dak li sata' kien fadal mill-imsemmija wirtijiet;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti ftit hemm x'jingħad. Il-każ jirrigwarda kamra bl-arja tagħha li tagħmel minn kerrejja li tinsab f'numru sebgħa u sittin (67) ġja tnejn u tmenin (82), Triq il-Kbira, Ħad-Dingli (aktar 'il quddiem imsejħin "il-ġid"). Jidher li l-ġid imiss mit-tramuntana u min-nofsinhar ma' ġid ieħor tal-atturi. Il-ġid jagħmel mill-wirt ta' Joseph Abela u martu Catherine imwielda Attard. Dawn kellhom sitt (6) ulied, imma wieħed minnhom – John – miet għażeb bla wlied. Il-ħames ulied l-oħrajn kien jisimhom: Marija mart Pawlu Busuttil, Rosaria mart Katald Busuttil, Karmena mart Pietru Ebejer, Fortunata mart Mattew Scicluna u Nikol. Marija Busuttil kellha ħames (5) ulied. L-imħarrek Joseph Vassallo jiġi bin it-tifla tagħha, Marianna mart Anthony Vassallo. Rosaria Busuttil kellha seba' (7) wlied, u l-imħarrek Anthony Busuttil jiġi wieħed minn uliedha. Carmela Ebejer kellha disa' (9) wlied, u l-imħarrek Anthony Bonello jiġi bin bintha Serafina. Fortunata Scicluna kellha tifla waħda jisimha Emily. Filwaqt li Nikola Abela kellu seba' (7) wlied, u l-imħarrek Marin Abela jiġi bin ibnu Peter;

Illi l-atturi bdew jiksbu ishma mill-imsemmi ġid fil-21 ta' Ottubru tal-2006. Dak inhar, huma kisbu tnejn minn ħamsa u tletin ($^{2}/_{35}$) sehem[15] mhux maqsuma mill-ġid mingħand l-aħwa Paċe Gasan, ulied il-mejtin Carmelo u Grazia mwielda Abela[16]. Fit-12 ta' Diċembru, 2006, l-atturi kisbu sehem minn ħamsa u erbgħin ($^{1}/_{45}$) mhux maqsum ieħor mill-istess ġid mingħand l-aħwa Ebejer, ulied il-mejtin John Baptist u Marija Rosa mwielda Abela[17]. Erbat ijiem wara, b'kuntratt pubbliku tas-16 ta' Diċembru, 2006[18], l-atturi kisbu sehem minn mitejn u ħamsa u għoxrin sehem ($^{1}/_{225}$) mhux maqsum mill-imsemmi ġid mingħand l-aħwa Camilleri, ulied il-mejtin Edward u Josephine imwielda Muscat. Fis-16 ta' Frar, 2007, l-atturi kisbu sehem ta' kwint ($^{1}/_{5}$) mhux maqsum

[15] Fil-kunratt jingħad ukoll "jew kull sehem ieħor verjuri"
[16] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-proċess
[17] Dok "B", f'paġġ. 8 – 10 tal-proċess
[18] Dok "D", f'paġġ. 14 – 7 tal-proċess

mill-ġid mingħand Emily Żahra, bint il-mejtin Mattew Scicluna u Ġuża mwielda Azzopardi[19];

Illi dan iġib li, sa dak iż-żmien, l-atturi kienu kisbu tmienja u għoxrin punt tlieta-sebgħa fil-mija (28.37%) tal-ġid, jew ishma verjuri;

Illi f'Ottubru tal-2007[20], l-atturi qabbdu perit arkitett biex jistma l-ġid u dan wasal għall-fehma li, meħuda ċ-ċirkostanzi kollha u l-qagħda tal-bini dak iż-żmien, kien jiswa erbat elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 4,500)[21]. L-atturi fetħu l-kawża f'Diċembru tal-2007, kontra erba' mħarrkin;

Illi fit-23 ta' Jannar, 2008[22], l-atturi kisbu kwint ($^{1}/_{5}$) ieħor mhux maqsum, jew sehem verjuri, mill-ġid mingħand l-aħwa Busuttil (fosthom l-imħarrek Anthony Busuttil, li baqa' kontumaċi), ulied il-mejtin Katald u Maria Rosa mwielda Scicluna[23]. Ħamest ijiem wara, fit-28 ta' Jannar, 2008[24], huma kisbu sehem minn ħamsa u għoxrin ($^{1}/_{25}$) mhux maqsum mill-ġid mingħand Dolor armla minn Ġużeppi Schembri, bint il-mejtin Pawlu Busuttil u Marija mwielda Abela;

Illi fis-7 ta' Diċembru tal-2011, l-atturi xtraw sehem l-imħarrek Anthony Bonello li jammonta għal sehem minn ħamsa u erbgħin ($^{1}/_{45}$) mhux maqsum, u l-imħarrek Martin Abela li jammonta għal sehem minn ħamsa u tletin ($^{1}/_{35}$) mhux maqsum. Il-Qorti tirrileva li l-atturi baqgħu ma ressqux fl-atti l-ebda wieħed minn dawn il-kuntratti u lanqas dak relattiv għall-imħarrek Joseph Vassallo (li, skond il-prospett li tressaq fin-Nota tal-atturi tal-1 ta' Marzu, 2013[25], jidher li sar fil-25 ta' Jannar, 2008);

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ,</u> jibda biex jingħad li l-liġi tħares il-

---

[19] Dok "Ċ", f'paġġ. 11 – 3 tal-proċess. Fis-sewwa ma tfissirx sewwa din il-persuna kif tidħol fil-qafas tal-familja skond l-arblu tar-razza mressaq mill-atturi nfushom, ladarba Mattew Scicluna kien miżżewweġ lil Fortunata Abela u mhux lil Ġuża Azzopardi
[20] Dok f'paġ. 32 tal-proċess
[21] Li jġibu €10,482.18 fi flus tal-lum
[22] Dok f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[23] X'aktarx lid an huwa żball, għaliex Rosaria kien kunjomha Abela meta kienet xebba
[24] Dok f'paġġ. 33 – 6 tal-proċess
[25] Paġ. 131 tal-proċess

kwestjoni tal-bejgħ b'liċitazzjoni kemm fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12)[26] u kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16)[27], bid-differenza ewlenija bejniethom tikkonsisti filli f'tal-ewwel il-bejgħ jintalab minn kreditur ta' sid il-post li jkun ser jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, filwaqt li f'tat-tieni l-bejgħ jitnissel mir-rieda li xiħadd minn għadd ta' sidien li ma jridx jibqa' iżjed fi sħab mas-sidien l-oħrajn;

Illi, għalkemm il-bejgħ f'liċitazzjoni ta' ġid immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha, jekk kemm-il darba jsir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew għax ma jkunx hemm fehma waħda bejn is-sidien kollha, l-għażla ta' liema proċedura għandha tiġi segwita hija mħollija f'idejn il-Qorti[28], li tista' tordna li l-partijiet isegwu proċess li jixbah lil dak imfassal mil-liġi għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti fuq talba tal-kreditur;

Illi t-talba sabiex ġid immobbli miżmum minn għadd ta' sidien jinbiegħ b'liċitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-prinċipji ewlenin li jsawru l-istitut tal-liġi li titkellem dwar ġid komuni. Fost dawn il-prinċipji hemm dak li kull wieħed mis-sidien ta' ħaġa komuni għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-ġid *in natura*[29], u l-prinċipju l-ieħor li ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jibqa' jżomm ħaġa flimkien ma' ħaddieħor[30]. Għalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu (skond is-sehem tiegħu) biżżejjed mill-ġid komuni fil-kwalita' li dak il-ġid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan iġib miegħu l-effett li l-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola[31]. Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema ċirkostanzi għandha ssir;

Illi, madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qegħda ssir biss fid-dieher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni u tkun qegħda titħares il-liġi fil-

[26] Artt. 313 sa 357 tal-Kap 12
[27] Artt. 515 sa 523 tal-Kap 16, li jagħmlu parti mit-Titolu V tat-Tieni Ktieb dwar *Il-Komunjoni tal-Beni*
[28] Art. 518(1) tal-Kap 16.
[29] Art 502 tal-Kap 16
[30] Art. 496 tal-Kap 16
[31] Ara App. Ċiv.: **5.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.105**) u P.A. **2.3.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri et vs Portelli*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.657**)

kelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju[32];

Illi għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha[33]. Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi[34];

Illi ngħad li l-kliem "bla xkiel" fil-liġi jfissru bħala "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", filwaqt li "bla ħsara" jfissru "mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu"[35]. L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija waħda ta' fatt[36]. Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli[37] fil-limiti hawn fuq imfissra;

Illi l-perit maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li tassew li l-ġid mertu tal-każ u l-jeddijiet marbutin miegħu ma jistgħux jinqasmu bla xkiel u ħsara bejn kull min jista' jkollu sehem minnha. Dan il-fatt joħroġ ċar ħafna wkoll mill-bosta kuntratti li l-atturi dehru fihom biex xtraw is-sehem tagħhom minnu. Il-perit wasal għall-fehma wkoll li l-kamra u l-jeddijiet marbutin magħha jiswew tnax-il elf euro (€ 12,000). Ħadd mill-partijiet ma ressaq xi oġġezzjoni għall-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku, u l-Qorti sejra toqgħod fuqhom;

---

32 Ara P.A. **21.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Paċe et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1030**) u l-awtoritajiet u s-sentenzi hemm imsemmija
33 P.A. **30.7.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
34 App. Ċiv. **23.11.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri Soler et vs Hyzler et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.371**)
35 Ara, per eżempju, P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Abela pro et vs Joseph Abela et***
36 Ara P.A. **6.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Sciberras*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.217**) u App. Ċiv. **16.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.355**)
37 App. Ċiv. **22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et vs Dimech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.369**)

Illi, għall-finijiet tal-ewwel talba attriċi, mill-provi mressqa joħroġ li l-atturi seħħilhom juru li b'kollox kisbu tmienja u ħamsin punt erbgħa-disgħa fil-mija (58.49%) tal-ġid, u għalhekk il-bqija għadu jappartieni lis-sidien l-oħrajn li għalihom jidhru l-Kuraturi Deputati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-atturi huma s-sidien ta' tmienja u ħamsin punt erbgħa-disgħa fil-mija (58.49%) tal-kamra u l-arja tagħha li tagħmel parti mill-post bin-numru sebgħa u sittin (67) ġja tnejn u tmenin (82) fi Triq il-Kbira, Ħad-Dingli, bil-jeddijiet u l-pertinenzi kollha tagħha flimkien mas-sehem tagħha *pro rata* tal-partijiet komuni li tgawdi flimkien mal-kmamar l-oħrajn li jagħmlu mill-imsemmi post;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imsemmija kamra, ambjenti tagħha u drittijiet komuni ma jistgħux jinqasmu bla xkiel u ħsara bejn is-sidien, meqjusa l-ishma li huma għandhom mill-istess ġid;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-imsemmija kamra u l-jeddijiet u l-pertinenzi tagħha kif fuq imsemmija, bil-proċedura mfissra mil-liġi għall-bejgħ bl-irkant fil-Qorti, u bil-prezz kif iffissat fl-istima magħmula mill-perit tekniku fir-Relazzjoni li tagħmel parti mill-atti ta' din il-kawża, u bid-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam kwantu għal tmienja u ħamsin punt erbgħa-disgħa fil-mija (58.49%) favur l-atturi u l-bqija konsistenti f'wieħed u erbgħin punt ħamsa-wieħed (41.51%) favur il-Kuraturi Deputati jew dawk li jidhru għalihom;

**Tordna li l-ispejjeż** tal-kawża u dawk marbuta mal-proċeduri tal-bejgħ tal-post jinqasmu skond l-ishma rispettivi tal-partijiet, b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati għandhom għalissa jitħallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------